**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR45/VIII/2023**

**It-Tlieta 20 ta' Ġunju, 2023.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili– Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**45.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00hrs. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**45.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**45.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 43 u 44 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

45.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

45.3.3 Saret korrezjoni u dawn ġew approvati.

**45.4 Mozzjoni f'isem il-membri**

Tressqet mozzjoni mill-membru Joseph Debrincat li ġiet issekondata mis-Sindku.

**Mozzjoni Numru 14**

**Residenti li joqgħodu fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi talbuni biex titkompla l-parti tal-bankina nieqsa li hemm fl-imsemmija triq peress li issa nbnew xi *flats* u dik il-parti nieqsa qiegħda tkun ta' inkonvnejent għal istess triq.**

Is-Sindku għarraf lill-membri li f'Mejju 2023 sar rapport biex din il-bankina issir minn naħa tal-Gvern Ċentrali peress li quddiem dan il-bini qatt ma kien hemm bankina.

**45.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti:-

45.5.1 li il-ġurnata ta' qabel attenda laqgħa rigward iż-żieda ta' *charging pillars* fil-lokalitajiet kollha. Qal li minn 800 dawn ser jiżdiedu għall-6,000 madwar Malta u Għawdex u dan sabiex vetturi li jaħdmu bl-elettriku iktar ikollhom aċċess sabiex jiġu ċċarġjati. Ġew identifikati 5 postijiet ġodda. Malli l-Kunsill jirċievi d-dokument, dan jiġi mressaq għad-diskussjoni;

45.5.2 li ħareġ il-permess għaż-żbir tas-siġar fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex. Dan ikopri sena. Dawn inżabbru minn naħħa tat-Taqsima tal-Agrikultura fi ħdan il-Ministru għal Għawdex;

45.5.3 li attenda għat-tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali, fit-8 ta' Mejju 2023;

45.5.4 bil-ftehim il-ġdid tal-*bus shelters* li l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali qed tagħmel f'isem il-Kunsilli Lokali mal-kumpaniji Faces Ltd u 356 Ltd.;

**45.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korispondenza mingħand:-

45.6.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari SPI/SCI/04/2023 -Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organiżżati. Il-membri qablu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni ibbażata fuq ir-rapport li tħejja mill-Pulizija li jindika fejn għandhom isiru CCTV cameras f'postijiet fir-Rabat fejn l-aktar li tista' tiġi prevenuta l-kriminalita. Sadanittant il-membri qablu wkoll li l-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-avukat fejn il-Kunsill jistaqsi jekk ikunx qed isiri xi ksur ta' liġi jew privatezzża meta jiġu nstallati dawn il-kameras;

45.6.2 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward l-Immaniġġjar tal-Iskart. Il-Kunsilli Lokali ġew mgħarrfa li ma jistgħux jieħdu inizjattiivi relatati ma' dan il-qasam, inklużi servizzi addizzjonali jew servizzi barra mill-iskeda nazzjonali. Jekk jirriżulta li xi Kunsill qed jonfoq flus f'dawn l-inizjattivi dan jitqies bħala nfiq bi ksur ta' liġi u jkunu suġġetti għal passi skont il-liġi. Il-membri qablu li l-Uffiċjal Ambjentali fir-Reġjun Għawdex għandu jiġi nfurmat bil-postijiet fejn jinġemgħu boroż ta' skart li jkunu mormija illegalment. Is-soltu il-Kunsill iħallas biex dan l-iskart jinġabar;

45.6.3 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward -LESA – Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal;

45.6.4 Eco Gozo rigward Miżura 4.4 - *Reinstatment of Rubble Walls*;

45.6.5 Galea Curmi Engineering rigward bozoz ġodda. Il-membri qablu li fi Triq Santa Martha jsiru tnejn fuq żewġ arbli eżistenti;

45.6.6 persuna li talbet rimbors ta' spejjeż li għamlet meta kellha inċident fi Triq l-Ewropa. Din il-persuna ġiet infurmata li Triq l-Ewropa hi arterja prinċipali u taqa' taħt il-Gvern Ċentrali;

45.6.7 applikant li jrid ipoġġi *vending machine* fi Triq Duminku Mintoff. Il-membri ma qablux li jkun hemm bejgħ ta' *soft drinks* qrib l-iskejjel;

45.6.8 resident rigward il-parkeġġ illegali li jkun hemm kontinwament fi Pjazza San Franġisk. Il-Kunsill għarrfu li din il-materja tressqet kemm il-darba quddiem il-Pulizija;

45.6.9 Pulizija fejn ġie rrappurtat il-periklu li qed jikkawżaw xi *bollards* milli hemm fi Pjazza Inidipendenza. Dawn hemm ħafna minnhom inkissru u oħrajn insterqu. Il-membri qablu li tinħareġ offerta biex jinxtraw u jiġu nstallati *bollards* ġodda;

45.6.10 S.K. Victoria Wanderers rigward GS/50033/2021 *Development Planning Fund* li tirrigwardja l-applikazzjoni li saret minn dan il-klabb sabiex jinbena l-klabb fi Triq taħt Putirjal. Billi minn meta saret din l-applikazzjoni kien hemm każ il-Qorti u għadda ż-żmien, saret reviżjoni tal-ispejjeż u l-BOQ kellha tinbidel. Intalbet in-*no objection* tal-Kunsill sabiex jiġu rivedtui l-BOQs tal-proġett biex jiġi ffinanzjat mill-fond tad-DPF tar-Rabat Għawdex. Il-membri ma sabux oġġezzjoni. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja, il-Viċi Sindku ħareġ mil-kamra.

### 45.7 Applikazzjoni – Belt Kulturali Ewropea

Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda laqgħa fir-rigward ta' l-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea, nhar it-8 ta' Mejju, 2023, fl-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, Arti u Gvern Lokali. Preżenti kien hemm is-Segretarju Permanenti Joyce Dimech, il-President tar-Reġjun Għawdex, l-Av.Samuel Azzopardi u s-Sindku. F'din il-laqgħa ġie diskuss il-*Bidbook* li jrid isir għal din l-applikazzjoni. Dan jiġi jiswa madwar €200,000. Il-proposta tas-Segretarju Permanenti hi li r-Reġjun Għawdex u l-Kunsill joħorġu €50,000 kull wieħed u l-bqija joħroġhom il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, Arti u Gvern Lokali. Din tkun spiża ta' darba.

Il-membri qablu li din il-proposta għandha tintalab bil-miktub u l-Kunsill ikollu garanzija li dawn il-fondi jkunu salvagwardjati minn naħa tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, li l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq ir-Rabat. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jekk il-Kunsill jasal fi ftehim bil-miktub biex jinħarġu dawn il-fondi għall-*Bidbook*, minn naħa tas-Segretarju Permenenti għandu jkun hemm il-garanzija li l-Kunsill ikun kopert mill-lat ta'*procurement*.

---

Il-membru Buttigieg talab permess u ħareġ mill-laqgħa.

---

### 45.8 *Pedal Cycles* mir-Reġjun Għawdex

45.8.1 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex offra *pedal cycles* lill-Kunsilli Għawdxin u ġie ffirmat il-kuntratt relatat. Dawn ir-roti għandhom jiġu offruti lil żgħażagħ bejn is-16 u t-18 'il sena sabiex ikunu ta' alternattiva għall-vettura jew mutur li jaħdem bil-fuel.

45.8.2 Il-membri qablu li jinħareġ avviż fejn iħajjar żgħażagħ Rabtin japplikaw biex ikollhom l-użu ta' *pedal cycle*. Il-Kunsill għandu tmienja. Jekk ikun hemm iktar minn tmin applikazzjonijiet, dawn jittellgħu bix-xorti.

**45.9** ***Upgrade tal-Playing Field* – Triq taħt Putirjal**

45.9.1 Billi l-Ministru għal Għawdex qed jipproponi proġett ħolistiku fl-*area* tal-parkeġġ il-kbir, grawnd Leli Farrugia u nkluża l-*playing field*, il-membri qablu li għalissa ma jintefqux fondi kapitali.

45.9.2 Billi t-tapit ta' taħt l-*equipment* hu perikoluż u t-tfal qed jaqgħu fih, il-membri qablu li tinħareġ offerta biex dan jinbidel.

---

Daħlet il-membru Portelli għall-laqgħa.

---

**45.10 CCTVs taċ-Ċawla H.E.**

45.10.1 Minn naħa tal-kuntrattur li nstalla l-kameras inġibdet l-attenzjoni li x-xogħol li baqa jsir hu:-

- l-mgħodija ta' *cables* bejn l-arbli u t-tqabbid tagħhom mal-faċċati tal-flats,
- l-installazzjoni ta' żewġ kameras mal-flattijiet, u
- jitpoġġa arblu.

45.10.2 Minn naħa tal-LESA ġew innutati dawn il-punti:-

- hemm bżonn tinżabar siġra li qed tgħatti kamera minnhom. Din inżabret,
- bil-vetturi pparkjati ma tkunx tista' tgħaraf minn ikun qed idendel l-iskart mal-*hangers,*
- bħalissa kamera waħda biss hemm ikkumnikata.

Il-membri qablu li għandha ssir laqgħa oħra fil-post mal-kuntrattur.

**45.11 Proġett tad-dwal taċ-ċentru tar-Rabat**

45.11.1 L-aħħar komunikat mill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) rigward dan il-proġett intbagħat fl-4 ta' Mejju 2023 lill-Galea Curmi Engineering. Mill-PA ġie speċifikat li wara li ġew evalwati d-dokumenti u wara li ġew ikkunsidrati l-laqgħat li saru, il-PA ħadet nota tal-ksur ta' kundizzjoni u kif dan in-nuqqas induna bih il-kumitat fi ħdan il-PA waqt il-proċess ta' verifikazzjoni. Il-kumitat iddeċieda li l-Kunsill Lokali jkun eliġibbli għal dawn il-fondi biss jekk titranġa s-sitwazzjoni u d-*diffusers* jinbidlu għall-trasparenti jew jitneħħew għal kollox. Soluzzjonijiet simili li jagħmlu l-istess effett jistgħu jiġu kkunsidrati.

45.11.2 Il-Kunsill Lokali qabbad nies professjonali li jivverifikaw dan ix-xogħol kemm qabel, waqt u wara fejn ġie ċċertikat ix-xogħol lest. Il-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli ta' nuqqasijiet li saru waqt xi fażi jew oħra ta' dan il-proġett.

45.11.3 Il-membri qablu li jittieħed parir legali fuq din is-sitwazzjoni.

### 45.12 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) approvat:-

45.12.1 *double yellow lines* biswit garaxx fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex kantuneira ma Triq Ġorġ Borg Olivier;

45.12.2 l-estensjoni ta' *double yellow lines* għall-ħames metri, fil-kantuniera ta' Triq ta' Wara s-Sur ma Triq Wied is-Seqer.

TM m'approvatx:-

45.12.3 applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Azzopardi' fi Triq it-Tabib Anton Tabone;

45.12.4 applikazzjoni għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 41, Triq Repubblika;

45.12.5 it-tneħħija ta' parti mill-bankina fi Triq Palma;

45.12.6 *keep clear* quddiem l-entratura ta' 42, Triq l-Imgħallem. Dan peress li hemm garaxx mad-dar. Il-membri qablu li TM għandha tiġi nfuramta li m'hemmx aċċess mill-garaxx għad-dar. It-taraġ fuq barra, li mill-garaxx jgħati għad-dar hu għoli ħafna minħabba li t-triq qedgħa għat-telgħa li hi wieqfa ħafna. Għal-nies ta' ċerta eta' bħal ma hu sid din id-dar dan it-taraġ mhux aċċessibbli.

45.12.7 TM qablet mal-prinċipju li ssir *roundabout* fil-wesgħa ta' maġenb il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone. Il-Kunsill intalab sabiex jagħmel pjan dettaljat u *traffic study* li juru din ir-*roundabout*. Billi din hi arterja prinċipali, il-membri qablu li jintalab lid-Dipartiment għall-Istrateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel dan l-istudju.

45.12.8 Rigward il-parkeġġ riservat għall-muturi n-naħħa t'isfel fi Triq il-Kastell, TM talbet li jsir *traffic managment plan* tat-triq kollha.

45.12.9 TM bagħtet talba għall-parkeġġ għal-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk D, taċ-Ċawla H.E. Għandha timtela l-formola annessa mal-applikazzjoni.

45.12.10 TM bagħtet talba għall-parkeġġ għal-persuni b'diżabilita' quddiem 41, Triq Repubblika. Għandha timtela l-formola annessa mal-applikazzjoni.

45.12.11 TM bagħtet talba għall-parkeġġ għal-persuni b'diżabilita' quddiem 78, Triq Palma. Għandha timtela l-formola annessa mal-applikazzjoni.

45.12.12 Saret talba sabiex fi Triq l-Universitas issir tabella *no parking for heavy vehicles.* Sar rapport li vetturi,li mhumiex 'il fuq minn 5 tunnellati, qed jipparkjaw f'din it-triq. Peress li dawn il-vetturi mhux jipparkjaw quddiem djar residenzjali, anzi qed jiġu pparkjati quddiem egħlieqi mhux mibnija u li dawn mhumiex il-fuq minn 5 tunnellati, il-membri ma qablux li hemm għalfejn jitpoġġew it-tabelli proposti.

45.12.13 Il-membri qablu li jiġi propost lil TM sabiex tikkunsidra tagħmel *traffic calming measure* fi Triq l-Arċiqof Pietru Pace fejn iċ-Ċentru tal-Kunvent ta' San Franġisk.

45.12.43 Resident fi Triq Dun Pawl Micallef kiteb li quddiem id-dar tiegħu sar *1 mtr double yellow line* u ħadd ma nfurmah bih. Il-problema tiegħu hi li meta xi ħadd jipparkja eżatta mal-bieb tal-garaxx tiegħu, hu ma jkunx jista jipparkja għax ikollu jirfes dan is-sinjal. TM għandha tiġi nfurmata b'di il-problema.

### 45.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

45.13.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2023 skond dokument A u B annessi.

45.13.2 Wara li ġie preżentat iċ-ċertifikat tal-Perit, ġie approvat il-pagament tax-xogħol li kien sar minn Road Construction Co. Ltd. fl-2019 fir-rigward ta' kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Pompei.

45.13.2 Ġie approvat kont tax-xogħol tat-tarmak li sar minn Gatt Tarmac Ltd. fi Triq Mons. Luigi Vella. Dan ix-xogħol sar fl-2009 mill-V Kunsill. Il-Perit iċċertifika x-xogħol skont l-offerta.

45.13.3 Tressaq il-kont tar-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. Dan irid jiġi ċċertifikat mill-Perit.

**45.14 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

45.14.1 jiġu approvati l-*financial statements* għas-sena 2022 hekk kif ivverifikati mill-awdituri. Dawn jintbagħtu lil Awditur Ġenerali;

45.14.2 issir bankina quddiem 16/17, Triq Pompei;

45.14.3 isiru żewġ bozoz ġodda fi Triq it-8 ta' Diċembru, waħda fuq arblu eżistenti u oħra mar-residenza bl-isem ta' 'Sacred Heart',

45.14.4 bozza 407 fi Triq Sir Paul Boffa tersaq lejn il-kantuniera;

45.14.5 jiġi organiżżat kunċert bis-sehem tal-AFM isir fis-26 ta' Ġunju 2023 fil-Katidral. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €300 fi spejjeż ta' loġistika;

45.14.6 tinħareġ in-*no objection* għat-tiġrijiet taż-żwiemel għall-festa ta' San Ġorġ;

45.14.7 jsir bukkkett fjuri quddiem l-istatwi titulari fil-festi rispettivi tagħhom;

45.14.8 isiru lasti tal-*football* fil-grawnd tal-Oratorju Don Bosco. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €1,500;

45.14.9 titranġa bankina quddiem 56, Triq San Ġwann Bosco.

**45.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 31 ta' Lulju, 2023.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv